MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2003

Rikors Numru. 242/1997/1

Nikky Farrugia u Francis Farrugia
vs
Kummissarju tal-Pulizija

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta’ Mejju 1987 u l-15 ta’ Mejju 1995, u b’mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta’ 1988, huma kienu sofrew ingustizzja fi kwistjoni ta’ gabbana licenzjata skond il-ligi.

Illi l-fatti kienu li huma kienu shab f’din il-gabbana li kellhom f’Bugibba li kienet tinsab quddiem il-Bognor Regis u din il-gabbana kienet ilha hemm madwar erba’ snin sakemm meta nbidel il-Gvern fl-1987 meta baghat ghar-rikorrent Francis Farrugia, dak iz-zmien is-Supretendent Paul Attard u dan kien qallu li din il-gabbana daqshekk kienet ser iddum fejn hi u dan minkejja l-fatt li r-rikorrenti

oggezjonaw minhabba li l-gabbani l-ohra kienu thallew fejn huma.

Illi s-Supretendent P. Attard kien tah post iehor, dik id-darba f'post inferjuri hafna, in-naha tal-Qawra u peress li r-rikorrenti kienu bdew imorru lura hafna ghax ma kienx tajjeb il-bejgh f'dan il-post, ma kienx baqalhom ebda alternattiva hlief li jbieghu dik il-gabbana.

Illi r-rikorrent Francis Farrugia kien qallu diskors is-Supretendent Paul Attard li jekk ma rridx il-post li kellu, kellu lil min itih! Illi din kienet ingustizzja politika peress li r-rikorrenti kienu maghrufa ghat-twemmin politiku taghhom.

Illi ghalhekk huma kienu bi hsiebhom jressqu xhieda murija f'dan ir-rikors biex jipprivaw il-kaz taghhom u ghaldaqstant ir-rikorrenti talbu lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghataw rimedju billi jigi ordnat illi jiehdu l-permess lura fil-post fejn originarjament kienu qabel dan il-kaz, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, jigi ordnat li jithallsu kumpens f'ammont li jiddeciedi dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija li eccepixxa:

Illi r-rikorrenti ma kellhomx locus standi f'din il-kawza stante li huma la qatt kellhom u l-anqas ghandhom fil-prezent licenzja ta' l-intimat biex jiggestixxu negozju minn gabbana.

Illi fis-sena 1980, certu Calcedon sive Donald Attard kien ghamel applikazzjoni biex ibiegh minn Mobile Canteen Van li jgib in-numru ta' registrazzjoni numru 1967 minn post fiss fl-inhawi ta' Islet Promenade Bugibba, San Pawl il-Bahar, liema applikazzjoni kienet giet milqugha fil-7/3/80

mill-intimat. L-isem tar-rikorrenti ma kien jidher fl-ebda dokument ta' l-intimat.

Fis-27 ta' April 1987, il-licenzjat, Calcedon sive Donald Attard kien ghamel applikazzjoni ohra fejn kien talab biex jitrasferixxi l-licenzja li kienet qeghda f'ismu ghal fuq l-isem tar-rikorrenti Nicky Farrugia.

Mill-bidu nett tal-process ta' dan it-trasferiment is-Superintendent tal-Pulizija li kellu l-inkarigu mill-Amministrazzjoni tal-Korp avza lis-Supretendent tal-Licenzji biex jistaqsi l-partijiet jekk kienux jigu minn xulxin. Jekk ir-risposta tkun fin-negattiv, jigi rifjutat kollox bhal ma fil-fatt gara minhabba li Nicky Farrugia u Calcedon sive Donald Attard ma kienu jigu bl-ebda mod minn xulxin u ghalhekk inhareg avviz li kollox kien gie rrifjutat liz-zewg partijiet cioe` Calcedon sive Donald Attard u Nicky Farrugia fis-17/06/87 u 30/07/87 rispettivament.

Gie rilevat li l-licenzji tas-snin 1989, 1990 u 1991 inhargu f'isem ta' Calcedon sive Donald Attard, filwaqt li d-Dipartiment ta' l-Artijiet kien hareg il-post ta' din il-gabbana fuq isem Nicky Farrugia, din kienet saret minhabba li d-Dipartiment ta' l-Artijiet ma kienx jaf li t-trasferiment kien gie rifjutat fuq ir-regoli li gew imfissra aktar 'il fuq. Ta' min jirrileva wkoll li fil-frattemp il-propjetarju tal-gabbana kien inbidel u kienet inharget ordni lill-propjetarju biex iwettaq it-trasferiment mehtiega. Gara wkoll li permezz ta' ittra miktuba bl-idejn minn Nicky Farrugia stess, datata 6/6/92 huwa kien stqarr li ma ghadux aktar interessat fit-trasferiment tal-imsemmija gabbana u kif ukoll kien qed jitlob biex l-applikazzjoni tieghu tigi injorata.

Fil-5 ta' Mejju 1993, il-licenzjat kien accetta il-kundizzjonijiet il-godda imposti fuq il-licenzja tieghu u ghalhekk il-licenzja l-gdida bl-emendi b'kollox inharget lil Calcedon sive Donald Attard, li ghadu jgawdi din il-licenzja ta' din l-imsemmija gabbana.

Ghaldaqstant l-intimat talab li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti ghar-ragunijiet premessi.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi Francis Farrugia r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn semma illi ghall-habta tal-1982, hu u n-neputi tieghu Nicholas kienu xtraw gabbana liema gabbana kienet diga' fil-post u cioe' f'Islet Promenade Bugibba. Din il-gabbana kienet fil-qalba ta' Bugibba u f'post tajjeb hafna ghat-tip ta' negozju li kienu jaghmlu. Il-gabbana kienet tikkonsisti fi truck u kienet vicin ir-restaurant "Bognor Regis". Huma kienu jaghmlu xoghol ta' fast-food u jbieghu il-luminati. Kienu xtraw il-gabbana bil-permessi mehtiega mill-ligi b'liema permessi setghu jhaddmu l-gabbana u qatt ma kellhom inkwiet l-anqas mal-pulizija minhabba ix-xoghol taghhom. L-uniku nkwiet li kien ikkolhom ma' certu wiehed Francica, is-sid tal-Bognor Regis, li dan kien jinsisti li huma jridu jixmu ghall-post iehor bit-truck u ma jibqghux hdejh ghaliex itellfuh in-negozju.

Semma li ftit wara l-elezzjoni tal-1987, il-Pulizija kienu baghtu ghalih fl-Ghassa tal-Mosta u kien mar hemmhekk flimkien ma' missier ir-rikorrent l-iehor u kellmu l-iSpettur Bertu Mula li kien qalilhom li l-gabbana taghhom kienet ser titmexxa minn fejn kienet u ma tibqax aktar fejn il-Bognor Regis.

Il-post l-iehor li kien gie offut lilhom kien imsejjah Site 2 liema post kien litteralment mirdum hdejn il-pont ta' Bugibba u x-xoghol hemmhekk ma kellux x'jaqsam ma dak fejn kienu qabel. Dan kien fis-sajf tal-1988 u r-

rikorrent ftakar li kien kellem lis-Supretendent Paul Attard u dan kien qallhom biex jikkolaboraw u anke kien hemm il-possibilta` li jdur il-permess tal-kiosk ghal fuq isimhom. Kien qalilhom ukoll li jekk ma jridux il-post il-gdid ghandu lil min itieh.

Kienu kellmu wkoll lil s-Sur Mamo fil-Lands Department u dan kien ta pjanta lir-rikorrent l-iehor Nicky Farrugia ta' fejn kien ser ikun il-post il-gdid.

Is-Supretendent Attard kien qallu li l-kiosks kollha f'Island Promenade kienu ser jiccaqalqu u li ma kinetx taghhom biss, izda gara bil-maqlub kif sostna r-rikorrent. Tmexxiet biss taghhom u kiosks ohrajn tjiebulhom il-facilitajiet tant li kull kiosk iehor inbnielu storage room f'forma ta' platform taht il-gabbana.

Zied li meta kellhom jimxu fil-post l-iehor kellhom jaghmlu l-ispejjez tad-dawl u l-ilma u li l-post l-iehor ma kien ifendi xejn tant illi spiccaw biex bieghuh il-vann bi prezz veru baxx. Hu sostna li dan sar biex jigi agevolat sid il-Bognor Regis u minhabba l-kulur politiku taghhom.

Fl-affidavit tieghu <u>Nicholas Farrugia</u> ikkonferma prattikalment l-istess kliem.

Nicholas Farrugia kkonferma li licenzja fuq isimhom qatt ma kellhom izda din kienet fuq Kalcidon Agius. Semma li darba kienu kellmu lis-Sur Mamo u s-Sur Attard l-Assistant Kummissarju u kienu qalulhom biex jiccaqalqu mill-post fejn kienu u li jekk huma jiccaqalqu mill-post fejn kienu, kienu anke disposti li johorgu licenzja f'isimhom.

Malli kienu hadu l-kiosk mill-ewwel kienu pruvaw li jaqilbu l-licenzja fuq isimhom ghalkemm ma jiftakarx jekk dan kienx qabel jew wara l-elezzjoni. Huma kienu gew trasferiti mis-site il-qadima ghas-site il-gdida pero' t-transfer qatt ma sar fuq isimhom. Il-kiosk originali kienu xtrawh xi LM10,000 u meta bieghuh, bieghuh anqas minn nofs. Kienu caqalqu lilhom ghax lil haddiehor ma kienux caqalquh, anzi kien hemm min ghamlulu platform u rrangawlu l-istorage.

Xehed is-Supretendent Bartholomew Mula u semma li ftit wara l-elezzjoni tal-1987 kien stazzjonat bhala Spettur fid-Distrett ta’ San Pawl il-Bahar. Dak iz-zmien kien distrett numru 5 li kien jinkorpora fih B’Kara, Naxxar u n-north kollu ta’ Malta jigifieri sa San Pawl il-Bahar, Bugibba, u dam inkarigat bhala spettur hemmhekk sa l-1989. Semma li kellu ordnijiet biex jibghat ghar-rikorrenti ghax kien kellmu s-Supretendent u aktar tard Assistent Kummissarju, li kien inkarigat mill-amministrazzjoni, jigifieri processar ta’ l-affarijiet hekk ta` licenzji, li kien is-Sur Pawlu Attard u kien tah ordnijiet specifici biex dan il-kiosk in kwistjoni jigi placed minn post ghall-iehor u fil-fatt hu hekk ghamel. Kien baghat ghalihom u l-kiosk ma kienx gie mcaqlaq mill-ewwel pero` aktar tard gie spustjat minn fejn kien ghal post iehor. Hu ma kienx il-policy maker.

Ma dehrlux li l-kiosks kollha kien gew imcaqalqa izda kien hemm ohrajn barra tar-rikorrenti. Mir-records tal-Pulizija dwar licenzji ma jirrizultax li l-gestjoni tal-kiosk in kwistjoni kienet qatt xi darba f’isem ir-rikorrenti, anzi semma li kienet tirrizulta bhala li qieghda f’isem Kalcidon Attard jew Agius.

Semma li kiosks gieli jiccaqalqu specjalment meta jkun hemm xi kaz ta’ embellishment izda fil-kaz in kwistjoni ma kien hemm ebda kaz ta` embellishment.

Ikkonferma li kienet saret talba minn Kalcidon Attard biex idawwar il-permess ghal fuq ir-rikorrenti. Kellu l-impressjoni li kien hemm policy li tghid li t-transfers ta’ kiosks jekk ma jkunux interfamiljari ma jinghatawx. Ma jafx li l-permess qattx dar minn fuq Attard ghal Farrugia.

Xehed Albert Mamo Direttur ta’ l-Artijiet li semma li fl-1987 kien Assistent Direttur u sar Direttur fit-13 ta’ Gunju tas-sena 2000. Semma li fil-kaz in kwistjoni kien baghat ghar-rikorrenti dwar il-kiosk li kien qieghed fejn il-Bognor Regis biex jinzel minn hemmhekk ghal hdejn il-pont ta’ Bugibba. Semma li barra l-kariga li kellu kien qieghed fuq interdepartimental committee li l-Gvern kien qabbad bi skop li jirregolarizza l-pozizzjoni tal-gabbani. Semma li

kien hemm xi hamsin gabbana f'dawk iz-zmienijiet f'din is-sitwazzjoni, pero` disgha minnhom kienu qieghdin Bugibba. Kien irrizulta li dawn il-gabbani fil-fatt kellhom il-permess tal-Pulizija izda ebda permess mid-Dipartiment tal-Artijiet. Ghalhekk kienu riedu li dawn id-disgha jirregolarizzaw il-pozizzjoni taghhom u b'mod specjali wahda mill-affarijiet li riedu jaraw kienet li ma jkunux qeghdin vicin, fil-kaz ta' dawk li qeghdin fil-catering, li jkunu propju vicin ta' post iehor tal-catering. Kien irrizulta li l-kiosk ta' Farrugia kien propju qieghed vicin hafna ta' catering establishment iehor u kien propju ghalhekk li kienu qalulhom biex jersqu minn hemmhekk.

Kien hemm decizjoni li kienet approvata mill-Kabinett li l-gabbani kollha ta' Bugibba hlief ghal tnejn minnhom li kienu vicin tac-centru tal-bocci jimxu kollha u jitpoggew bejn id-Dolmen Hotel u l-Fra Ben Restaurant.

Lir-rikorrenti Farrugia kienu allokawlhom post hdejn is-Salini quddiem il-bar li kien jismu Gzejjer Bar dak iz-zmien.

Il-permess kien hareg mid-Dipartiment ta' l-Artijiet fuq Farrugia fl-1991 u mill-1992 beda johrog fuq Mr. Michael White.

Xehed <u>Paul Attard</u> li hu spicca mill-kariga ta' Assistent Kummissarju tal-Pulizija fl-1996 u li kien beda f'din il-kariga fl-1987. Ftakar il-kaz tar-rikorrenti u semma li kien gie nominat kumitat li kien mitlub li jsir mill-Ministeru tat-Turizmu u mill-Ministeru tal-Pulizija u hu kien ir-rapprezentant tal-Kummissarju tal-Pulizija. Kien hemm ukoll fuq dan il-kumitat Commissioner of Lands, rapprezentant tal-Ministeru tal-Gustizzja, rapprezentant tal-Ministeru tat-Turizmu, rapprezentant tal-Public Works u iehor tal-Environment. Dan il-kumitat kellu t-tema sabiex jara jekk dawk il-fixed hawkers li ma kienux licenzjati as such, biex jirregolarizzaw il-posizzjoni taghhom. Kienu saru xi seduti, daru l-postijiet ta' Malta u Ghawdex kollha u fejn raw xi meter tad-dawl imwahhal ma' xi arblu bdew isibu li dawk il-meters tad-dawl kienu ta' xi hawkers li kienu jarmaw fis-sajf. Fl-ahhar sar rapport

lill-Ministeru u kellu l-impressjoni li dan ir-rapport gie approvat mill-Kabinett fl-1989.

Kien hemm bicciet minnhom li ma kienux licenzjati u ohrajn li kienu jarmaw minghajr ebda licenzja ta' xejn. Semma li l-kiosk tar-rikorrenti kien ezatt mal-entratura tal-Bognor Regis. Kull ma kien hemm x'jaqsam bankina ta' xi 3-4 piedi. Il-kumitat kien dehrlu li ma ghandux jibqa' hemmhekk dak u fir-rapport kienu waslu ghal dan is-suggeriment.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti Nicky Farrugia u Francis Farrugia kienu xtraw kiosk minghand Kalcidon sive Donald Attard. Dan kien ghamel applikazzjoni fl-1980 biex ibiegh minn mobile canteen van, b'numru tar-registrazzjoni 1967, minn post fiss fl-inhawi ta' Island Promenade, Bugibba, fil-fatt vicin hafna tal-Bognor Regis. Fis-27 ta' April 1987 dan Kalcidon sive Donald Attard kien ghamel applikazzjoni ohra fejn talab biex jitrasferixxi l-licenzja li kienet qeghda f'ismu ghal fuq isem ir-rikorrent Nicky Farrugia. Izda wara illi l-Pulizija kienet ghamlet indagini biex tara jekk fil-fatt Donald Attard u Nicky Farrugia jigux b'xi mod minn xulxin, irrizulta fin-negattiv u kien inhareg avviz li kollox gie rifjutat fiz-zewg partijiet cioe` lil Donald Attard u lil Nicky Farrugia u dan permezz ta' ittri tas-17 ta' Gunju 1987 u t-30 ta' Lulju 1987.

Illi l-Kummissarju tal-Pulizija qatt ma hareg licenzji favur Nicholas sive Nicky Farrugia u Francis Farrugia u kien biss il-Kummissarju ta' l-Artijiet li fil-fatt hareg xi licenzji ghas-snin probabbilment 1989, 1990 u 1991, izda qatt mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Gara wkoll li dwar l-istess kiosk il-Pulizija insistit li minhabba li dan kien vicin wisq tal-Bognor Regis, li dan jigi mcaqlaq u dan kien wara l-elezzjoni tal-1987. Huma kienu gew offruti post iehor li fil-fehma taghhom kien ferm inferjuri ghal dak illi kellhom precedentement tant li l-kiosk li kienu xtrawh ghall-Lm10,000 kellhom ibieghu lura ghal nofs il-prezz. Il-kiosk kien tal-fast foods u luminati.

Ir-rikorrenti insistew li huma gew diskriminati bil-fatt illi gew ordnati li jcaqalqu l-kiosk taghhom minn post tajjeb ghal post iehor u dan biex jigi favorit terza persuna.

Fil-fehma tat-Tribunal, hawnhekk huwa l-punt kardinali u cioe` l-fatt li effettivament ir-rikorrenti qatt ma kellhom licenzja mahruga f'isimhom mill-Kummissarju tal-Pulizija u konsegwentement il-posizzjoni tar-rikorrenti hija li huma m'ghandhomx "locus standi" f'din il-kawza, stante li qatt ma kellhom u l-anqas ghandhom fil-prezent licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija biex jiggestixxu negozju minn gabbana. Stante illi huma m'ghandhomx licenzja mahruga mill-Pulizija huwa inutili li huma jittentaw kawzi minhabba l-fatt illi gara dak li allegaw illi fil-fatt gara. Minhabba din ir-raguni, mhuwiex il-kaz li t-Tribunal jista' jidhol biex jezamina aspetti ohra dwar diskriminazzjoni u dwar dak li gara u dwar il-post alternattiv.

Ghal dawn il-motivi, jilqa' l-eccezzjonijiet ta' l-intimat.

Minhabba n-natura tal-kaz, spejjez bla taxxa.

--------------------------------TMIEM--------------------------------